# 96. Il-Laqgħa

Ħriġt ngħid fit-triq: "Għada l-Ħanina tiegħi
ser terġa' toħroġ wara marda twila,
min sejjer jgħidli fejn immur neħodha
sabiex nilqagħha sew u x'ser noffrilha?"

U wieġbu n-nies: "Ħudha f'palazz tad-deheb,
bil-ġonna sbieħ bħal dawk ta' Aladin,
offrilha l-ġawhar, barbazzal u ċrieket,
u t-tnejn ifirħu qalb id-daqq u ż-żfin!"

U qabżet Qalbi mdagħdgħa għal dil-bluha:
"Le, le, ma jagħmilx hekk, xejn xejn minn dana,
jiltaqgħu għandi, joffri biss imħabbti,
jifirħu t-tnejn flimkien fis-skiet u s-sħana."

U smajt minn qalbi, u jiena u l-ħanina
ma nistgħu ninsew qatt il-laqgħa bnina.